## 9 ta' April 1963

**Imħallef:**

**Onor J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Paul Mamo noe

*versus*

John Muscat Doublesin

**Kolliżjoni — Responsabiltà — "Cross Roads" — "Right of way" — Speed eċċessiv — Negliġenza kontributorja — Danni.**

*L-ispeed eċċessiv ta' sewwieq jista' jkun fattura għal responsabiltà kontributorja meta l-ħtija prinċipali ta' kolliżjoni tkun tas-sewwieq l-ieħor li jkun ħareġ fi cross roads kontra r-'right of way'. Partikolarment l-ispeed eċċessiv jista' jittieħed inkonsiderazzjoni meta dan jkun irriżulta fi ħsara akbar fil-karozzi nvoluti fl-inċident.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija wara li jippremetti illi fit-13 ta' Frar, 1959, għal xi sebgħa u nofs ta' filgħodu (7.30 a.m.) fil-waqt li l-imsemmi Flower kien qiegħed isuq minn Imrieħel Road, Birkirkara, il-karozza numru 10836, assikurata miegħu fil-kwalità fuq imsemmija, huwa ħabat mal-karozza numru 12881 misjuqa mill-konvenut, u illi l-istess kolliżjoni ġrat minħabba n-negliġenza, imprudenza u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti ta' l-istess konvenut, u illi bħala konsegwenza ta' l-istess kolliżjoni l-karozza assikurata miegħu sofriet ħsara ammontanti b'kollox għas-somma ta' erbgħin lira, għaxar xelini u tmien soldi (£40.10.8) liema somma ġiet debitament imħallsa minnu fl-imsemmija kwalità in konformita għat-termini tal-polza tas-sigurità, u illi bħala konsegwenza ta' l-

istess ħlas hu ġie b'liġi u anke bl-iskrittura fuq imsemmija (Dokument A) surrogat fid-drittijiet tal-assikurat tiegħu kontra l-konvenut naxxenti dawn id-drittijiet mill-istess kolliżjoni; jitlob illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni, u prevja jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjonijiet illi l-konvenut kien responsabili għall-kolliżjoni fuq imsemmija li ġrat fit-13 ta' Frar, 1959, f'Birkirkara bejn il-karozza numru 10836 misjuqa mill-istess Flower u assikurata miegħu fl-imsemmija kwalità u l-karozza numru 12881 misjuqa mill-istess konvenut u dana peress li l-kolliżjoni ġrat minħabba n-negliġenza, imprudenza u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti da parti ta' l-istess konvenut, il-konvenut jiġi kkundannat minn din il-Qorti li jħallsu u jirrifondilu fl-istess kwalità msemmija s-somma fuq imsemmija ta' erbgħin lira għaxar xelini u tmien soldi (£40.10.8) jew somma oħra verjuri u dan sija b'titolu ta' danni li għalihom l-istess konvenut huwa responsabbli minħabba li l-kolliżjoni ġrat tort tiegħu kif fuq ingħad — sija b'titolu ta' rifużjoni ta' somma ugwali mħallsa minnu kif fuq ingħad in bażi għall-polza tas-sigurtà lill-imsemmi Flower jew fl-interess tiegħu bħala assigurat danneġjat tort tal-konvenut. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-17 ta' April 1959 u tat-22 ta' Lulju 1959 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u d-dokument minnu prodott maċ-ċitazzjoni.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jesponi illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi hu ma kien b'ebda mod responsabili għall-kolliżjoni ndikata fiċ-ċitazzjoni li ġrat unikament minħabba l-ħtija, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti da parti ta' l-assikurat ta' l-attur Frederick Flower, salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut,

Rat id-digriet tat-8 ta' Ottubru, 1959, li bih ġie nominat perit biex jirrelata jekk il-konvenut huwiex responsabili għall-kolliżjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni u f'każ affermativ jekk hu għandux jagħti lill-attur is-somma minn dan mitluba, u biex jissottometti wkoll l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ.

Rat il-proċess verbali tal-aċċessi u s-seduti miżmuma mill-perit ġudizjarju, u r-relazzjoni ta' l-istess perit.

Rat id-digriet tat-18 ta' Ottubru, 1961, li bih fuq talba ta' l-attur nomine ġew nominati periti addizjonali għall-oġġett li fuqu irrelata l-ewwel perit ġudizjarju.

Rat il-proċess verbali tas-seduti u tal-aċċess miżmuma mill-istess periti, u r-relazzjoni tagħhom.

Eżaminat l-atti l-oħra tal-kawża.

Ikkunsidrat:—

Illi fit-13 ta' Frar, 1959 ġrat kolliżjoni bejn il-car numru 10836 Ford Prefect Saloon li kien imexxih Frederick Flower u l-car Nru. 12881 Fiat Topolino li kien imexxih il-konvenut. L-inċident ġara f'xi 7.30 a.m. f'Birkirkara fil-kantuniera bejn Imrieħel Street u Old Railway Road. Frederick Flower minn Imrieħel Street kien sejjer lejn Rabat Road u l-konvenut kien ħiereġ minn Old Railway Road sejjer fid-direzzjoni ta' St. Aloysius College. Fl-inċident il-car immexxi minn Flower inqaleb u ġratlu ħsara. L-attur jippretendi li l-konvenut huwa responsabili għal din il-kolliżjoni u għad-danni konsegwenzjali li ġraw lil din l-aħħar car; mentri l-konvenut jallega li responsabili għall-kolliżjoni kien unikament l-imsemmi Frederick Flower.

Illi rigward ir-responsabilità għall-kolliżjoni l-ewwel perit ikkonkluda li tant Frederick Flower kemm il-konvenut naqsu mill-osservanza *tar-regolamenti tat-traffiku ta' l-ewwel, stante* li speed irraġonevoli li kien miexi bih, u l-konvenut, stante li ħareġ, għalkemm bil-mod, għal fuq Imrieħel Street meta ma kellux *ir-"right of way"* u b'hekk ħabat mal-car *l-ieħor;* però din il-ħabta ma setgħetx kienet il-kawża li l-car immexxi minn Flower jinqaleb, u dan il-car inqaleb b'konsegwenza ta' speed irraġonevoli li kien miexi bih Flower, li stante li l-"bulk" tal-ħsara fuq il-car ta' Flower kien fuq il-lemin, ċioè billi l-istess car inqaleb, il-konvenut ma għandux jirrispondi għal ħsara *kollha li ġrat fuq dan il-car imma għal* parti minnha, ċioè għal kwart ($\frac{1}{4}$) minn din il-ħsara. Da parti tagħhom, il-periti addizjonali kkonkludew li l-unika kawża tal-kolliżjoni kienet *l-imprudenza* tal-konvenut, ċioè kif esprimew ruħhom ripetutament, prinċipalment responsabili għall-kolliżjoni kien il-konvenut, li ħareġ minn Old Railway Road għal ġo Imrieħel *Street mingħajr ma ta' preċedenza lil* car *l-ieħor li kien ġej fuq* il-lemin tiegħu; li però l-car ta' Flower kien miexi bi speed irraġonevoli għal dik il-parti tat-triq fejn ġrat il-kolliżjoni u din il-car ma kienx jinqaleb kieku ma kienx miexi *b'dak l-ispeed,* li però huma ma jaqblux mal-konklużjoni ta' l-ewwel perit li peress li l-"bulk" tal-ħsara kien prodott prinċipalment billi l-car *ta' Flower inqaleb, u nqaleb prinċipalment* b'konsegwenza ta' dak li speed, il-biċċa l-kbira tal-ispejjeż għandu jbatihom l-attur, imma li b'konsiderazzjoni li dan il-car kieku ma kienx qed *jiġi mmexxi b'dak l-ispeed imma bi* speed aktar moderat seta' jiġri li ma jinqalibx, il-periti kkonkludew li r-ipartizzjoni tal-ħsara fil-car ta' Flower għandha tiġi sopportata kwantu għal terz ($\frac{1}{3}$) *mill-attur u kwantu għal żewġ terzi* ($\frac{2}{3}$) mill-konvenut.

Illi tant l-*attur kemm il-konvenut ma jaqblux mal-kon*klużjonijiet raġġunti ma mill-ewwel perizja u lanqas ma dik addizzjonali: kull parti tissottometti li r-responsabilità tal-kol-

liżjoni u d-danni konsegwenzjali għandha tirrispondi għaliha l-parti l-oħra.

Illi dina l-Qorti hija tal-fehma li prinċipalment responsabbli għall-kolliżjoni kien il-konvenut, imma li Frederick Flower ikkontribwixxa għall-istess kolliżjoni b'mod partikolari għall-grad ta' ħsara li b'konsegwenza ġiet kaġonata fil-car immexxi minnu. Bħala regola ġenerali, kull wieħed mid-drivers ta' żewġ vetturi *li jkunu resqin lejn xulxin* "at right angles" bħal ma kien il-każ in ispecie, fi triqat intersekanti, huwa fl-obbligu li jeżerċità kura raġonevoli biex jevità dannu lill-ieħor, billi d-driver li jkun riesaq lejn "road junction" għandu jkun preparat għat-traffiku li jista' jkun ġej "at right angles", b'dan però li s-side road driver għandu dover akbar x'jeżerċità, fis-sens biss li kull minn huwa msejjah li jeserċità dover li huwa ta' akbar riskju minn dover ieħor huwa tenut *li* jeserċità *deliġenza* partikolari, anzi d-driver li jkun dieħel fi triq oħra għandu qabel jew jirrallenta konsiderevolment li speed tal-car tiegħu jew *jieqaf* (Gibb & Millner), The Trial of Motor Car Accident Cases sec. 72). Għalhekk, naqas l-konvenut mid-doveri tiegħu meta baqa' jmexxi l-car, għalkemm bi speed ta' xi 5 jew 10 mili fis-siegħa kif jgħid hu. Jekk kellu "blind corner", jew il- "bonnet", tal-car tiegħu fih 3' tul il-konvenut kien messu qagħad aktar attent qabel joħroġ fi Mrieħel Street, billi jew jieqaf għal kollox jew jirrallenta aktar li speed f'dik il-"bend", *li ġiet deskritta mill-periti ferm perikoluża, ma jistax* jiġi kunsidrat baxx. Bħalma ġie sottomess fiż-żewġ perizji, anke jekk talvolta ma jistax jingħad liema minn Old Railway Road u Imrieħel Street, hija "major Road", rispett għall-oħra, jibqa' dejjem li Frederick Flower kellu r-"right of way" in forza tal-fatt li hu kien riesaq lejn l-inkroċju minn fuq il-lemin tal-car l-ieħor. Però Frederick Flower kien ukoll negliġenti fid-doveri tiegħu bħala driver. Indubbjament hu kien qed imexxi l-car bi speed ferm superjuri minn dak ta' 15 jew 20 mil fis-siegħa, minnu allegat jew ta' xi 20 mil fis-siegħa li

jsemmi x-xhud Magri. Dan jidher demostrat mill-fatt li l-car spiċċa maqbud, iħares lura, xi 40 pied 'il fuq mill-post tal-"impact". Kif ġie sottomess fiż-żewġ perizji, anki jekk wieħed kellu joqgħod fuq ir-rata ta' veloċità allegata minn Flower, l-istess għandha tiġi ritenuta eċċessiva, u anke perikoluża, almenu għal dak it-tratt tat-triq fejn ġrat il-kolliżjoni. Flower kienimexxi l-car b'dik il-veloċità u f'dak it-tratt ta' triq f'distanza biss ta' xi żewġ piedi mill-ħajt min-naħa tiegħu, u kivendi ma kienx qed jagħti aġju lis-side road driver li jesplora Mrieħel Street qabel ma joħroġ fiha. Flower lanqas ma kienx qed iżomm "a proper lookout" għall-"pedestrians and other users", ix-xhud Magri jgħid li nduna bil-car tal-konvenut meta kien xi żewġ jardi 'l bogħod minnu; imma Flower jgħid li l-car tal-konvenut ma rahx. Minn hekk isegwi li Frederick Flower ma kienx qed josserva r-regolamenti ordinarji tas-sewqan (Ferrell The Law of Running Down Cases, page 2), ċioè, kien imexxi l-car bi speed eċċessiv, kważi rasenti mal-ħajt u mingħajr ma jżomm "a proper look out", liema nuqqasijiet, kieku ma sarux minn Flower, il-kolliżjoni setgħet tiġi evitata jew almenu jitnaqqsu l-konsegwenzi tagħha. Konsegwentement, għalkemm ma jistax jiġi negat li l-kolliżjoni ġrat prinċipalment minħabba li l-konvenut baqa' ħiereġ, imexxi l-car tiegħu, ġio Imrieħel Street, mingħajr ma qabel ħa l-prekawzjonijiet kollha neċessarji ma jistax jiġi eskluż li l-istess kolliżjoni ma kienitx tiġri, jew almenu jitnaqqsu l-konsegwenzi tagħha, kieku Frederick Flower kien qed iżomm "a proper look-out" kien iżomm ftit aktar 'il barra minn żewġ piedi mill-ħajt, u ma kienx qed imexxi bi speed eċċessiv. F'dan is-sens jiġi ritenut li Frederick Flower ikkontribwixxa għall-kolliżjoni.

Illi barra minn dan, huwa żgur li l-konsegwenzi tal-kolliżjoni fuq imsemmijin, ċioè l-ħsara, kienu maġġorament dovuti għall-mixi eċċessiv tal-car ta' Flower. Ġie pruvat li dan il-car tal-konvenut ħabat fuq in-naħa ta' wara tal-car immex-

xi minn Flower, u li fuq in-naħa l-ħsara kienet minima, u li l-ħsara kważi kienet kollha fuq in-naħa l-oħra tal-car ta' Flower, ċioè fuq dik in-naħa fejn inqaleb. Kwindi jidher li d-daqqa li l-car tal-konvenut ta lil car immexxi minn Flower ma kienitx qawwija u ma kienitx tali li taqleb lil dan l-aħħar car u lanqas li ddawru. Mhux attendibili għalhekk Flower meta jgħid li l-car minnu mmexxi ġie mdawwar bid-daqqa li tah il-car tal-konvenut. Frederick Flower lil F.S. Zammit ftit ħin wara l-kolliżjoni u kwindi a tempo virgine "fissirlu li l-car tiegħu nqaleb billi hu sswervja l-ewwel lejn il-lemin u mbagħad lejn ix-xellug biex jevita l-car tal-konvenut, ċioè mhux bil-ħabta li ħa bil-car tal-konvenut imma bil-manuvra li hu għamel, u lil Joseph Abela qallu li l-car tiegħu kien skiddja, ħabat quddiem, u nqaleb. Mela fi kliem Flower stess, il-car tiegħu ma nqalibx minħabba d-daqqa li ħa bil-car tal-konvenut. Ġie sottomess mill-attur li dik il-manuvra Flower għamilha, kif ukoll Flower fisser lil F.S. Zammit, biex jevita l-car tal-konvenut, imma din is-sottomissjoni mhiex attenibbli. Infatti Frederick Flower xehed li l-car tal-konvenut ma rahx sa meta ġrat il-ħabta, u kwindi ma setax kellu okkażjoni biex jevita l-car l-ieħor, darba li lil dan l-car ma kienx rah, anzi jekk dak is-swerve għamlu qabel il-ħabta, ċioè in segwitu għall-osservazzjoni li għamillu x-xhud Magri li kien ġej il-car tal-konvenut jiġi li hu għamel manuvra ħażina, billi ressaq il-parti ta' wara tal-car lejn ix-xellug, fejn kienet il-parti ta' quddiem il-car tal-konvenut, u hekk il-ħabta setgħet issir aktar faċili. Jidher, anzi, li ma kienx hemm ħabta, u li l-car ta' Flower, kif jgħid il-konvenut, sempliċiment ħakk mal-car ta' dan l-aħħar. Infatti, Frederick Flower xehed li l-car tal-konvenut ma rahx sa meta ġrat il-ħabta, u kwindi, ma setax kellu okkażjoni biex jevita l-car l-ieħor, darba li lil dan il-car ma kienx rah, anzi jekk dak is-swerve għamlu qabel il-ħabta, ċioè in segwitu għall-osservazzjoni li għamillu x-xhud Magri li kien ġej il-car tal-konvenut jiġi li hu għamel manuvra ħażina, billi resaq il-parti ta' wara tal-car lejn ix-xellug, fejn kienet il-parti ta'

quddiem il-car tal-konvenut, u hekk il-ħabta setgħet issir iktar faċili. Jidher, anzi, li ma kienx hemm ħabta, u li l-car ta' Flower, kif jgħid il-konvenut, sempliċiment ħakk mal-car ta' dan ta' l-aħħar. Infatti, Flower lill-istess F.S. Zammit, qallu li kien hu li laqat il-car tal-konvenut fuq il-bumper ta' quddiem bil-parti ta' wara tal-mudguard tax-xellug tal-car tiegħu. Kollox jindika li l-konsegwenzi tal-kolliżjoni kienu prinċipalment dovuti għal li speed eċċessiv li bih kien imexxi l-car tiegħu Frederick Flower: kieku ma kienx hekk ma kienx isir li skid li Flower semma lil Joseph Abela. Ġie pruvat li fil-ħin tal-kolliżjoni t-triq ma kienitx imxarrba, anzi kienet xotta. F'dawn iċ-ċirkostanzi, dina l-Qorti hija tal-fehma li għall-ħsara riportat mill-car imsemmi minn Flower għandhom jirrispondu l-kontendenti fi grad ugwali.

Illi l-ewwel perizja llikwidat din il-ħsara, dettaljatament imsemmija fil-fol. 9 u 10 tal-istess relazzjoni peritali, fis-somma komplessiva ta' erbgħin lira, għaxar xelini u tmien soldi (£40.10.8). Dina l-Qorti ma ssibx raġunijiet li għalihom ma għandhiex tadotta din il-likwidazzjoni tad-danni magħmula mill-perit.

Għal dawn ir-raġunijiet: —

Tiddeċiedi billi tiddikjara li prinċipalment responsabbli għall-kolliżjoni ndikata fiċ-ċitazzjoni lil konvenut u li Frederick Flower ikkontribwixxa għall-istess kolliżjoni, partikolarment għad-danni konsegwenzjali li ġraw fil-car numru 10836 Ford Prefect Saloon immexxi minn Frederick Flower, u li dawn id-danni, likwidati fis-somma komplessiva fuq imsemmija ta' £40.10.8d il-konvenut għandu jħallas nofshom, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur nomine nofs is-somma issa ndikata ċioè għoxrin lira ħames xelini u erba' soldi (£20.5.4). L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-kontendenti nofs kull wieħed.